**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 481/2021 JPG**

**Kawza Numru : 11**

**AC**

**U**

**JC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt u guramentat ta' AC U JC datat 14 ta' Ottubru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fis-7 ta' April 1979 – certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat 'Dok. A';*

*Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt t'itfal u cioe FC li twieled f'X u MC li twieled f'Y u li llum huma magorenni;*

*Illi l-partijiet huma legalment separati minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dr. Sharon Faith Farrugia datat il-15 ta' Jannar 2021, hawn anness u mmarkat Dok. B;*

*Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;*

*Illi ma hemm l-ebda propsett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom jghixu hajja totalment separata minn ma xulxin mis-sena 1985;*

*Illi ma jezistu l-ebda kwistjonijiet ohrajn pendenti bejn il-partijiet, kemm jekk monetarji, finanzjarji jew xorta ohra;*

*Illi qed jigi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit tar-rikorrenti AC u JC mmarkati Dok C u Dok D rispettivament;*

*Illi l-esponenti jiddikjaraw ukoll li huma domiciljati f'Malta ghall-effetti u l-finijiet tal-Artikolu 66N(1)(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha;*

1. *Tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul b'mod definittiv u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti u l-finijiet kollha tal-ligi; u*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk, javza b'dan lid-Direttur tar-Registru Pubbliku skond il-ligi, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AC xehdet** (vide affidavit fol 9) illi l-kontendenti izzewwgu nhar is-7 ta' April 1979, u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Sharon Faith Farrugia datata 15 ta' Jannar 2021. Ikkonfermat illi l-kontendenti ghandhom hajja ndipendenti minn xulxin u li ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li ilhom sseparati mis-sena 1985. Finalment iddikjarat li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment.

**JC** xehed (vide affidavit fol 10) u kkonferma u kkorrabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena***

***mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' April 1979, liema zwieg jgib certifikat numru 628/1979 (Vide certifikat taz-zwieg fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia nhar l-15 ta' Jannar 2021 (vide Dok. B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu taz-zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi. Di piu' mid-dikjarazzjoni tal-partijiet jirrizulta illi l-partijiet ilhom sseparati de facto sa mis-sena 1985.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 628/1979 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**